# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 108/2016 MH**

**Illum, 8 ta' Novembru, 2017**

**George Frendo (KI 574135M)**

**vs**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrent tas-27 ta' Dicembru 2016** permezz ta' liema huwa ppremetta:

*"Illi r-rikorrenti flimkien ma` zewg persuni ohra gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, kissru diversi disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*1. Illi r-rikorrenti flimkien ma` zewg persuni ohra tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja nhar l-erbatax (14) ta'*

*Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) u gew akkuzati li f'dawn il-Gzejjer, nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, kissru diversi disposizzjonijiet tal-ligi;*

*2. Illi jidher li fid-data msemmija hawn fuq waqt il-prezentata, c-citazzjoni permezz ta' liema nbdew il-proceduri ta' dakinhar kienet inqrat u giet ikkonfermata mill-prosekuzzjoni u wara sar l-ezami tal-imputat;*

*3. Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) il-prosekuzzjoni ghamlet korrezzjoni fic-citazzjoni u ghalkemm l-imputati taw ruhhom b'notifikati, pero' din l-istess citazzjoni ma gietx mahlufa mill-prosekutur kif ukoll ma sarx l-ezami mill-gdid tal-imputati skont ma hu kkontemplat fl-Artikolu 390 tal-Kap 9;*

*4. Illi jidher ukoll illi d-digriet li kien hemm ragunijiet bizzejjed illi l-imputati jitpoggew that att t'akkuza intbaghat quddiem l-Avukat Generali wara it-tletin (30) gurnata ikkontemplati fl-Artikolu 401 tal-Kap 9;*

*5. Illi dawn il-proceduri damu ghaddejjin ghall-hmistax (15) -il sena shah fejn il-kaz gie assenjata u riassenjat lil hames (5) Magistrati differenti ghal diversi ragunijiet;*

*6. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat is-sentenza taghha li ggib l-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Glenn Debattista, Richard Flattley u George Frendo****, fejn din il-Qorti hekk preseduta iddikjarat l-atti tal-kompilazzjoni nulli u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, ghaliex meta saret il-korrezzjoni tac-citazzjoni waqt l-udjenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001), kif ukoll il-fatt li d-digriet tal-prima facie dam izjed miz-zmien li tistipula l-ligi sabiex jintbaghat quddiem l-Avukat*

*Generali fisser li kien hemm difett fil-mod kif gew kondotti l-proceduri skont il-Kap 9;*

*7. Illi mis-suespost jirrizulta li t-trapass ta' aktar minn hmistax (15) -il sena sabiex kawza tigi deciza huwa wiehed ingustifikat u irragonevoli;*

*8. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghaliex din il-kawza kellha ddum hmistax (15) -il sena sabiex tigi mismugha u deciza;*

*9. Illi d-dewmien f'dan il-kaz kien eccessiv u ingustifikat u qieghed lir-rikorrenti fi stat ta' incertezza, frustrazzjoni, qtigh ta' qalb u ansjeta` sakemm finalment gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih;*

*10. Illi mill-proceduri msemmija jirrizulta wkoll li l-prosekuzzjoni kienet negligenti fil-qadi ta' xoghla meta pprezentat citazzjoni zbaljata u ghaldaqstant naqset li tilhaq l-efficjenza u l-professjonalita` li tressaq persuni b'arrest;*

*11. Illi fil-fehma tar-rikorrenti dan l-istat ta' fatt huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli u dan kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal- Bniedem.*

*Ghaldaqstant, in-vista tal-premess, r-rikorrenti, bir-rispett, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i) *Tiddikjara illi l-proceduri fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Glenn Debattista, Richard Flattley u George Frendo****, deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gew lezi d-drittijiet*

*fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli;*

ii) *Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi sehhu vjolazzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal- Bniedem;*

iii) *Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha effettivi u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz izda mhux biss kumpens pekunjarju ghad-danni morali sofferti.*

*Bl-ispejjez."*

Rat **ir-risposta tal-intimati tal-20 ta' Jannar 2017**[1] li permezz taghha eccepew:

1. *"Illi fl-ewwel lok u għall-kull buon fini l-esponenti jirrilevaw li l-Onorabbli Imħallef li quddiemha ġew assenjati l-proċeduri odjerni kienet inkarigata bis-smiegħ tal-kumpilazzjoni tal-proċeduri kriminali mertu tar-rikors odjern bejn is-26 ta' Novembru 2001 u t-2 ta' April 2012 meta hija kienet Maġistrat*[2]*;*

2. *Illi bla ħsara għall-premess u in linea preliminari, in kwantu l-lanjanza tar-rikorrent hija l-allegat nuqaas ta' smiegħ xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ġie mħarrek inutilment u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

[1] Fol 19 et seq

[2] Fol. 304 sa fol. 1220 tal-Kumpliazzjoni nru. 185/2001 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Glenn Debattista, Richard Flattely, George Frendo***

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-*suespost *u fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin;*

4. *Illi huwa paċifiku li d-dritt għal smiegħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li prinċipalment għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli huwa l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' ġudizzjarja;*

5. *Illi mill-inkartament tal-proċeduri kriminali mertu tal-proċeduri odjerni jirriżulta li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġionevoli kif allegat mir-rikorrenti b'dan illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li ġie leż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli a tenur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli, mill-atti huwa manifest li r-rikorrent odjern kien akwijexxenti matul il-prosegwiment sħiħ tal-proċeduri kriminali surriferiti u ma jirriżultax li f'xi ħin oġġezzjona jew ilmenta minn xi allegat preġudizzju li kien qed jikkawżalu l-allegat dewmien tal-proċeduri. Bir-rispett dovut, huwa għal kollox inawdit li mputat jibqa għal kollox passiv matul il-proċeduri ġudizzjarji kontrih sabiex wara trapass ta' żmien jilmenta li matul l-imsemmija proċeduri kriminali ġie leż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fi*

*żmien raġonevoli u li l-allegat dewmien allegatament ikkawżalu danni, inċertezza frustrazzjoni, ansjetà jew qtigħ ta' qalb;*

7. *Illi f'kull każ u bla ħsara għall-fatt li l-proċeuri odjerni mhumiex ta' culpa akwiljana jew kawża għad-danni, dato ma non concesso kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrent irid iġġib prova tajba tal-allegati konsegwenzi li allegatament ġarrb u li, kif allegat minnu, dawn kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri krimnali surriferiti;*

8. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso u biss għall grazzja tal-argument li inkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors pomutur, allegazzjoni li l-esponent qiegħed jopponi, ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens pekunarju u/jew non-pekunarju ieħor kif mitlub mir-rikorrent;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Rat l-atti tal-process kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Glenn Debattista et.*[3] allegat mal-atti tal-proceduri odjerni[4];

Rat l-affidavit tar-rikorrent[5];

Rat id-dokumenti kollha pprezentati in atti u d-digrieti relattivi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

[3] Kumpilazzjoni nru.185/2001
[4] Verbal tat-22 ta' Frar 2017 (fol 31) u verbal tad-29 ta' Marzu 2017 (fol 37)
[5] Fol 32 et seq

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza tal-lum ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa sofra lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("Kostituzzjoni") u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ("Konvenzjoni") minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Glenn Debattista et"* decizi fil-25 ta' Lulju 2016. Ghal dawn ir-ragunijiet huwa qed jitlob il-likwidazzjoni u hlas favur tieghu ta' kumpens xieraq ghad-danni minnu sofferti.

Minn naha taghhom l-intimati rrespingew il-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fil-fehma taghhom id-dritt ghal smiegh xieraq irid jigi evalwat fit-totalita' tieghu u fil-kaz odjern ma kien hemm ebda dewmien irragjonevoli. F'kull kaz, huma jzidu li r-rikorrent kien akwijexxenti mal-andament tal-proceduri u qatt ma lmenta dwar dewmien.

**Eccezzjoniet preliminari**

L-intimati ressqu s-segwenti eccezzjoniet preliminari:

*"...jirrilevaw li l-Onorabbli Imħallef li quddiemha ġew assenjati l-proċeduri odjerni kienet inkarigata bis-smiegħ tal-kumpilazzjoni tal-proċeduri kriminali mertu tar-rikors odjern bejn is-26 ta' Novembru 2001 u t-2 ta' April 2012 meta hija kienet Maġistrat;"*

Illi tali eccezzjoni fil-fatt kienet giet trattata *ab initio* mill-Qorti kif hemm preseduta billi dik l-istess Qorti ma l-ewwel dehra ghas-smiegh tar-rikors promotur kienet fil-verbal taghha tas-seduta ta' 24 ta' Jannar, 2017 [6] di *sua sponte* rrelevat illi l-Imhallef sedenti kienet *"il-Magistrat illi quddiema*

[6] Fol 24

*instema' l-kaz ili minnu qed jilmenta r-rikorrenti Frendo meta kienet tippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz ai terminu tal-Art. 734 Kap 12tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi konsegwentement ir-rikors in ezami gie assenjat ai terminu ta' l-artikolu 11 tal-Kap 12 lil din il-Qorti kif preseduta.[7]

**Illi konsegwentement ghal dan din il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni mressqa.**

It-tieni eccezzjoni mressqa tghid;

*"....in kwantu l-lanjanza tar-rikorrent hija l-allegat nuqqas ta' smiegħ xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponent Kummissarju tal-Puliżija ġie mħarrek inutilment u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju."*

Il-Qorti ssib li din l-eccezzjoni ma hix gustifikata.

Filwaqt li huwa pacifiku li l-prezenza tal-Avukat Generali hija mehtiega in rapprezentanza residwa tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija ukoll ghandu jkun parti minn dawn il-proceduri sabiex jirrispondi ghall-lanjanzi tar-rikorrent in kwantu l-prosekuzzjoni tal-kaz in ezami tmexxiet mill-istess Pulizija u allura fil-kawza sejjer jigi skrutinjat ukoll il-komportament tal-prosekuzzjoni fl-andament tal-proceduri.

[7] Fol 26

**L-eccezzjoni hija ghalhekk michuda**.

## Mertu

Sintetikament mill-inkartament tal-proceduri kriminali msemmija jirrizulta li **fl-14 ta' Marzu 2001** ir-rikorrent odjern, flimkien ma' persuni ohra tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzati b'diversi reati fosthom ta' frodi u falsifikazzjoni ta' diversi *Euro Cheques, Travellers Cheques, Visa Card Vouchers* u dokumenti ohra u li xjentement ghamlu uzu minnhom; kif ukoll li b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet jew kwalifiki foloz ghamlu qliegh pekunarju ghad-dannu ta' diversi ta' diversi kumpaniji u anke li laqghu ghandhom hwejjeg misruqa[8].

Permezz ta' **Ordni datata l-1 ta' Lulju 2010**, l-Avukat Generali baghat il-kaz tar-rikorrent odjern sabiex jigi deciz bi procedura sommarja[9], ghall-liema ordni r-rikorrent ma kellu ebda oggezzjoni[10]. Il-kaz gie l-ewwel darba differit ghas-sentenza fis-6 ta' Novembru 2014[11] u minn wara dik id-data il-kaz ghadda ghand gudikant iehor li astjeniet[12] u sussegwentement il-kaz gie deciz **fil-25 ta' Lulju 2016** mill-Magistrat li lilha gie mbaghad assenjat.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali iddikjarat l-atti tal-kumpilazzjoni nulli u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom[13].

**Fl-affidavit tieghu** fl-atti tal-proceduri odjerni[14], ir-rikorrent jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti li wassluh biex gie nvestigat u mressaq il-Qorti bl-akkuzi kriminali msemmija. Huwa kompla li ghal xi granet inzamm il-habs. Minkejja li wara huwa nghata l-liberta' provizorja, spicca bla xoghol u kellu japplika ghal beneficcji socjali. Minhabba n-numru twal ta' snin li l-kaz dam ghaddej il-Qorti huwa sofra kemm fl-istat ta' sahhtu kif ukoll moralment u anke finanzjarjament u kellu jiffacja problemi ohra familjari. Ghal dawn ir-ragunijiet huwa jsostni li ghandu jigi kkumpensat.

---

[8] Fol 1 et seq
[9] Ordni annessa mal-qoxra ta' Vol VI
[10] Fol 1198 Vol VI
[11] Fol 1241 Vol VI
[12] Fol 1263
[13] Fol 1299 et seq
[14] Fol 33 et seq

**Ikkunsidrat:**

Il-pern tal-kwistjoni kostituzzjonali huwa l-perjodu li damu ghaddejjin dawn il-proceduri kriminali kontra r-rikorrent, u jekk tali dewmien jammontax ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk -

*"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law".*

Il-principji gurisprudenzjali in materja stabbiliti fil-gurisprudenza, kemm nostrali kif ukoll tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"), huma ben stabbiliti. Fost l-ewlenin il-Qorti tissottolinea li:

1. Dawn iz-zewg artikoli citati jestabilixxu li bhala parti mill-principju ta' smiegh xieraq, decizjonijiet dwar kwistjonijiet ta' natura civili u anke dawk ta' natura kriminali ghandhom jinqatghu **fi zmien ragjonevoli**. Dan sabiex il-partijiet fil-proceduri quddiem il-Qrati jigu protetti minn dewmien procedurali eccessiv li jista' jkun ta' pregudizzju ghalihom kif ukoll sabiex il-kredibilita' u l-effettivita' tal-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix mittiefsa. Kif qalet il-QEDB fil-kaz **Moreira de Azevedo v Portugal**[15] -

*"By requiring that cases be heard "within a reasonable time", the Convention stresses the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility….."*;

2. L-evalwazzjoni dwar ir-ragjonevolezza o meno tal-perjodu li fih damu ghaddejjin il-proceduri quddiem il-Qrati m'ghandux jigi stabbilit in *vacuum* jew

[15] App. Nru 11296/84 deciz fit-23 t'Ottubru 1990, para 74

a bazi biss tan-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja l-kawza, imma ghandu jitqies ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami. L-awturi **Van Dijk, P.** u **van Hoof, G. J. H.,** fil-ktieb tagħhom, '***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights:***

'*The Court has regard to particular circumstances of the case, and* ***has not established an absolute time-limit.*** *In some cases the Court makes an overall assessment rather than referring directly to the above-mentioned criteria".*

Gie ritenut mill-kittieba **D.J. Harris, M.O'Boyle** u **Warbrick** fil-ktieb minnhom ippubblikat *"**Law of the European Convention on Human Rights**"* li :

*" the reasonableness of the length of proceedings in.... criminal cases depends on the particular circumstances of the case. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities. The court also takes into account what is at 'stake' for the applicant when applying the last of these criteria. No margin of appreciation doctrine is applied, at least expressly, when determining the reasonableness of time taken, the European Court simply makes its own assessment. When it does so, it must bear in mind that atrticle 6 can only require such expedition as is consistent with the proper administration of justice."*[16]

3. Fil-kaz **Joseph Manuel Galea et vs Avukat Generali**[17] din il-Qorti diversament preseduta kompliet hekk –

*"....f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra.*

*Inoltre l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju] [Ara wkoll, Q.Kos.* ***Joseph Camilleri v. Avukat Generali*** *– 28 Settembru 2012; ara wkoll Q.Kos.* ***George Xuereb v. Registratur tal-Qorti*** *– 8 Novembru 2004; Q.Kos.* ***Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru*** *18 Awwissu 1998; Q.Kos.* ***John Bugeja v. Avukat Generali*** *- 8 Novembru 2003]."*

[16] Pagna 279 Edit.2nd
[17] Rik Nru 88/13 deciz 15 ta' Mejju 2015

4. Fil-kors tas-snin kemm il-QEDB u l-Qrati taghna stabbilew diversi kriterji li taghhom ghandha tittiehed konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli jew le. Kif issottolineat din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **David Marinelli vs Avukat Generali**[18] **-**

*"B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess".*

5. Fil-kaz **Francis Theuma vs Avukat Generali**[19] kompla jinghad hekk -

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli".*

6. Inghad imbaghad fil-kaz **John A. Said pro et nomine vs. Avukat Ġenerali**[20]-

*"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux".*

Stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali l-Qorti sejra tezamina l-atti processwali tal-proceduri kriminali fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Glenn Debattista et"*, **liema proceduri fattwalment damu ghaddejjin hmistax il-sena** peress li nbdew fl-14 ta' Marzu 2001 u gew konkluzi fil-25 ta' Lulju 2016.

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li ghalkemm huwa minnu li l-procedura in ezami kellha tkun wahda sommarja, b'daqshekk ma jfissirx li din kienet xi wahda *di facile spedizione* kif donnu jipprova jaghti l-impressjoni r-rikorrent. Ir-rikorrent, kollettivament maz-zewg ko-imputati l-ohra, kien mixli b'xejn inqas minn disa'

18 Rik Nru 5/08 deciz fit-3 ta' Lulju 2008
19 App Nru 737/00 deciz fis-27 ta' Gunju 2003
20 Rik Nru 63/10 deciz fil-11 ta' Novembru 2011

reati li n-natura taghhom stess kienet ukoll ta' certa portata. Individwalment imbaghad, wiehed mill-imputati l-ohra kellu numru ta' akkuzi ohra. Dan minnu nnifsu jirrendi l-kaz wiehed ta' certu kumplessita' anke ghal dawk li huma provi. Infatti l-process huwa maghmul minn xejn inqas minn 6 volumi ta' atti, li fihom instemghu 'il fuq minn 60 xhud (anke jekk uhud minnhom xehdu aktar minn darba). Kellhom ukoll jitqabbdu xi esperti mill-Qorti sabiex ikunu jistghu jassistuha fl-indagini taghha u bhala parti mill-provi gew prezentati wkoll numru konsiderevoli ta' dokumenti. L-kaz ma kienx wiehed daqshekk semplici.

Ferm il-premess pero' l-Qorti xorta wahda tqis li d-dewmien tal-kaz in ezami ghal hmistax il-sena mhuwhiex wiehed gustifikat fic-cirkustanzi. Fil-fehma taghha kien hemm numru ta' fatturi li kumulattivament ikkontribwew ghal dewmien zejjed tal-proceduri u cioe':

i. It-trapass twil ta' zmien mehud mill-prosekuzzjoni biex tikkonkludi l-provi taghha. Huwa minnu li, kif inghad, kien hemm numru sostanzjali ta' xhieda li tressqu, imma meta wiehed iqis li l-kaz beda jinstema' fl-14 ta' Marzu 2001 u **l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha aktar minn disa' snin wara**, u cioe' fit-3 ta' Novembru 2010[21] ma jistax hlief iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li dan kien zmien twil izzejjed u certament mhux ragjonevoli sabiex jigu konkluzi dawn il-provi;

ii. Ma' dan il-Qorti zzid li kien hemm circa **erbatax il-seduta li fihom ma seta' jsir xejn** ghax l-imputati jew min minnhom ma kinux gew debitament notifikati biex jidhru ghas-seduta, jew inkella ghax il-prosekuzzjoni ma kellhiex f'idejha r-riferti tal-imputat jew imputati li ma jkunux dehru ghal dik is-seduta partikolari. Inoltre, anke jekk mhux numru kbir, kien hemm ukoll numru ta' differimenti li saru fuq talba tal-prosekuzzjoni jew minhabba xoghol urgenti jew indispozizzjoni tal-prosekutur;

iii.Sinifikanti wkoll huwa **n-numru sostanzjali ta' rinviji** li saru f'dawn il-proceduri – **aktar minn sittin wiehed -** u dan primarjament sabiex ikomplu jinstemghu il-provi. Dwar dawn ir-rinviji il-Qorti tal-Magistrati stess kienet ikkummentat:

[21] Verbal a fol 1198 – Vol VI

i. Waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2004[22], l-Qorti vverbalizzat li –

*"Minhabba li l-kawza ilha ghaddejja, l-Qorti titlob lill-Avukat Generali jirrinvija l-atti mill-aktar fis possibbli."*

ii. Ftit tax-xhur wara, fl-20 t'April 2005[23] l-Qorti vverbalizzat hekk –

*"Il-qorti tinnota li din hija kawza li wirtietha minghand l-Imhallef Dr Noel Cuschieri, hija kawza antika u ma jistax ikun illi minn rinviju ghal iehor ma jsir xejn.*

*[.....]*

*Tordna lill-ufficjal prosekutur jesawrixxi l-provi kollha."*

iii. Tlett snin wara, fis-26 ta' Settembru 2008[24] il-Qorti regghet irrimarkat li –

*"Il-Qorti in vista tat-tul ta' zmien li hadet din il-kawza li din il-Qorti wirtet minghand Qorti ohra, tirrakkomanda lill-Avukat Generali jakkorcja t-termini ta' dan ir-rinviju...."*

iv. L-Avukat Generali talab aktar minn estensjoni wahda ta' zmien sabiex jiddeciedi jekk ghandux igib il-quddiem l-Att tal-Akkuza;

v. Id-difiza fil-kaz in ezami setghet tibda bil-provi taghha mid-9 ta' Dicembru 2010. **Ir-rikorrent dam tlett snin biex jiddikjara l-provi tieghu maghluqa u cioe' fit-12 ta' Novembru 2013[25]. F'dan il-perjodu kollu huwa ma ressaq ebda provi u dan nonostante li waqt is-seduta tal-5 t'April 2011 huwa kien iddikjara li ried iressaq xhud wiehed in kontro-ezami bhala prova[26], liema dikjarazzjonni kien rega' kkonfermaha waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2012[27].**

[22] Fol 349 Vol III
[23] Fol 573 Vol IV
[24] Fol 1012 Vol VI
[25] Fol 1231
[26] Fol 1205
[27] Fol 1217

vi. Kien hemm ukoll **numru ta' seduti allokati ghall-provi tad-difiza u li fihom ma sar xejn** jew ghax saru minnhom rikorsi ghal differiment, inkluz mir-rikorrent odjern[28]; l-imputati ma kinux f'qaghda li jinfurmaw lill-Qorti jekk kellhomx xhieda mharrkin ghas-seduta[29]; seduta li fiha nghatat primarjament informazzjoni u ma sar xejn aktar[30]; seduta allokata ghax-xhieda tad-difiza izda l-uniku xhud intiz ghal dik is-seduta ma setax jidher[31]; indispozizzjoni ta' whud mill-imputati[32] u nuqqas ta' dehra ta' wiehed mill-imputati minghajr gustifikazzjoni[33];

vii. Kien hemm circa **tlettax il-darba li l-Qorti ddifferiet il-kaz b'ordni taghha stess** jew minhabba mard jew xoghol iehor urgenti.

viii. **Matul il-perjodu ta' hmistax il-sena, il-kaz gie assenjat lil hames gudikanti differenti** ghal ragunijiet ta' ri-assenjazzjoni ta' doveri. Dan inevitabilment ifisser aktar hin mehtieg biex kull gudikant gdid li gie f'idejh il-kaz jezamina l-process voluminuz mill-bidu, flimkien mal-volum iehor ta' xoghol gdid li huwa jkun wiret bis-sahha tar-riassenjazzjoni tad-doveri. F'dan il-kuntest il-Qorti tikkondividi ma' dak li ntqal fil-kaz **Iris Cassar vs Avukat Generali**[34] b'referenza ghal aktar gurisprudenza:

*"Fil-11 ta' Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza* ***John Bugeja vs Avukat Generali*** *affermat inoltre illi:*

*"Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqatghet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x'aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f'xogholu. Dan ghaliex, fil-verità, l-abilità ta' dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma' tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-*

[28] Fol 1200, Fol 1202
[29] Fol 1201
[30] Fol 1205
[31] Fol 1206
[32] Fol 1207, Fol 1209, Fol 1222
[33] Fol 1213, Fol 1225
[34]

*numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalità u l-kumplessità ta' l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali tal-indivdwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe' l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f'pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli".*

*Il-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz ta'* ***Zimmermann and Steiner vs Switzerland*** *sostniet li l-istati ghandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta' Lulju 1983 para. 29).*

*Ukoll fil-kaz ta'* ***Guincho vs Portugal*** *sahqet li stat ghandu l-obbligu li jforni bizejjed rizorsi ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri (10 ta' Lulju 1984)."*

Certament li l-fatturi suesposti wasslu biex kumuluttivament il-process twal inutilment. Eskluzi d-dewmien inutli tar-rikorrent biex jaghlaq id-difiza tieghu u nuqqasijiet tad-difiza fl-osservazzjonijiet suesposti, il-fatturi l-ohra fuq imsemmija jaghtu lok ghall-gustifikazzjoni tal-lanjanza tar-rikorrent li huwa sofra ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli. Inevitabilment, is-snin twal li huwa kien kostrett jibqa' fi stat ta' ncertezza hallew il-konsegwenzi taghhom fuqu u fuq familtu, u dan kif anke xehed huwa stess.

Ta' dan kollu r-rikorrent sofra pregudizzju li ghalih ghandu jinghata rimedju xieraq. Ir-rimedju moghti se jkopri biss id-danni morali u mhux id-danni materjali il-ghaliex mhuwhiex kompitu ta' din il-Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha li takkorda danni reali.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza **Gasan Enterprises Limited vs Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[35] -

*"Meta jiġi riskontrat dewmien skond l-Artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża .... u bla preġudizzju għad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."*

Ghalkemm kull kaz ghandu l-fattispecje tieghu u allura l-kumpens akkordat fil-kaz tal-lum ghandu jirrifletti c-cirkustanzi partikolari tieghu, il-Qorti tinnota li fost is-sentenzi li nghataw dawn l-ahhar snin fir-rigward ta' dewmien meqjus mhux ragjonevoli hemm:

- **Dr Tancred Busuttil vs Avukat Generali** deciza fit-**2 ta' Lulju 2013**[36] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €2,500 fir-rigward ta' proceduri li damu madwar 24 sena;

- **Joseph Manuel Galea u Joseph Attard vs Avukat Generali** deciza fil-**15 ta' Mejju 2015**[37] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €2,500 kull wiehed fir-rigward ta' proceduri li kienu ghadhom pendenti wara 10 snin u f'dan il-perjodu ftit li xejn kien sar minn naha tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-kaz;

- **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** deciza fit-**28 ta' Frar 2014**[38] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €3,000 ghal kawza li damet ghaddejja erbghin sena wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kienu passivi ghal snin shah dwar dan id-dilungar tal-proceduri minghajr ma hadu azzjoni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom. Il-Qorti qalet hekk -

*"Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kawzi damu ghexieren ta' zmien, circa erbghin (40) sena, ir-rikorrenti pprezentaw il-proceduri odjerni f'Marzu 2010. Dan id-dewmien da parti taghhom biex jirreklamaw ir-rimedji kostituzzjonali,*

[35] App Nru 29/01 deciz 3 ta' Frar 2009
[36] Rik 10/08
[37] Rik 88/13
[38] Rik 25/10

*apparti milli jkompli juri l-passivita` da parti tar-rikorrenti, jimmilita kontra taghhom fil-komputazzjoni tal-kumpens; il-Konvenzjoni ma tiffavorixxix lil min jorqod fuq id-drittijiet tieghu. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti hadu naghsa twila hafna fejn jidhlu d-drittijiet konvenzjonali taghhom ghax hallew aktar minn erbghin (40) sena sabiex fl-ahhar jiehdu passi konkreti sabiex iressqu l-ilment kostituzzjonali taghhom."*

Fid-dawl tas-suespost, fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-rikorrent ukoll ikkontribwixxa ghal dan id-dewmien meta huwa hela **tlett snin shah biex fihom iddikjara biss li se jtella xhud wiehed u aghar minn hekk imbaghad spicca biex lanqas biss tellghu u finalment iddikjara li huwa ser jaghlaq il-provi.**

Inoltre fil-kors kollu ta' hmistax il-sena li fihom damu ghaddejjin il-proceduri r-rikorrent wera inerzja shiha fir-rigward tas-salvagwardja tad-drittijiet tieghu tant li qatt ma lmenta dwar id-dewmien fil-proceduri u kien biss wara li dawn intemmew li huwa ddecieda li jiehu azzjoni. Dan il-fatt ukoll ghandu jigi rifless fil-*quantum* akkordat. F'dan is-sens ghalhekk u safejn kompatibbli ma' dak li appena ntqal, **is-sitt eccezzjoni tal-intimati hija gustifikata**.

Fic-cirkustanzi u wara li qieset l-aspetti l-ohra kollha tal-kaz, il-Qorti sejra takkorda lir-rikorrent is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) li ghandhom jitqiesu bhala *just satisfaction* ghall-lanjanza tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tastjeni kif premess milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezjoni mressqa.**

**2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati hlief ghas-sitt eccezzjoni safejn hija kompatibbli ma' dak deciz;**

**3. Tilqa' l-ewwel u tieni talba tar-rikorrent u tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Glenn Debattista, Richard Flattley u George Frendo"[39], deciza fil-25 ta' Lulju 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;**

[39] **Kumpilazzjoni nru. 185/2001**

**3. Tillikwida l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) bhala danni morali ghall-lezjoni sofferta u tikkundanna lill-intimati jhallsu tali somma lir-rikorrent solidalment bejniethom.**

**4. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-intimati solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**